TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 84

KAZ NRU. 98

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Arthur Cordina
u
Messrs Heidemann Sportswear Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : N.A. Craig

Data : 2 ta' Marzu 1981

B'ittra tas-27 ta' Mejju, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Arthur Cordina mid-ditta Messrs Heidemann Sportswear Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm 8 seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Albert J. Tabone waqt li Messrs Heidemann Sportswear Ltd. kienu rapprezentati mis-Sur Robert Pace Bonello assistit mis-Sur A. Mallia Milanes.

3. Statements of Case - Ghall-appellant gie sottomess li Arthur Cordina beda jahdem mal-Kumpanija bhala Shipping Clerk fil-'Finished Goods Store' bid-doveri elenkati cari bil-miktub (Dok. Nru. 1A); il-General Manager u izjed tard il-'Production Manager' kienu jaghtu l-ordnijiet li jircievu mill-Germanja u Arthur Cordina jibni l-'invoices' minn fuq dawn l-ordnijiet, jghaddi d-dokumenti mid-dwana u jigri wara s-'supervisors' halli jaghtuh ix-xoghol biex jimla it-'Trailer' li fih kienu jigu esportati l-qliezet. Meta ha "handing over" minn ghand

il-predecessur tieghu is-Sur Laurence Bugeja, dan kien qallu li waqt li l-invoices kienu mibnija fuq l-ordnijiet li kienu jaslu mill-'Parent Company' il-konsenji hafna drabi ma kienux iwasslu ghall-istess kwantitajiet ghax il-produzzjoni ma kienetx tlahhaq. Fuq l-istruzzjonijiet tas-Sur Heidemann l-invoices ma kienux jigu mibdula izda xi nuqqas fil-konsenja kien jigi kompensat fil-konsenja ta' wara minghajr din id-differenza ma tintwera fuq l-invoice tal-konsenja ta' wara. Arthur Cordina qatt ma kellu 'charge' dwar xoghol inqas meta hasbu li kien hemm nuqqas anzi Mr Heidemann innifsu kien ghamel telex li jghid "Arthur sorry it was a mistake from Bocholt, Germany". Fuq haga ohra gie akkuzat li hu kien wera ktieb pornografiku lill-impjegata. Arthur Cordina cahad dan anzi sostna li hu kien sab lil din l-impjegata fi Trailer ma zewg Tedeski u zewg impjegati Maltin qeghdin jaraw ktieb pornografiku, hadulhom u canfar lil din l-impjegata li tara materjal ta' din ix-xorta u pogga l-ktieb fl-iskrivanija tieghu taht materjal iehor u wara ftit l-istess impjegata talbitu halli tara l-ktieb u dan irrifjuta. Xi hin wara bghat ghalih il-Production Manager, staqsieh kellux xi ktieb pornografiku u meta beda jispjegalu l-fatti il-Production Manager hariglu l-ktieb u qallu li mpjegata rrapurtatu li hu kien ipprova juriha l-ktieb u li dan il-ktieb instab fl-iskrivanija tieghu u minghajr spjegazzjoni gie sospiz jumejn. L-incident li wassal ghat-tkeccija ta' Arthur Cordina gara f'Gunju ta' l-1978. Konsenja qliezet li suppost skond l-invoice kellha 10,000 bicca fil-fatt kellha biss 8,900 u l-Kumpanija kellha thallas fuq il-kwantita' dikjarata skond invoice numru 22. Arthur Cordina cahad li hu kien responsabbli ghal dan ghax it-telex kien mibghut minn haddiehor u li l-informazzjoni li kien ta hu kienet korretta izda minkejja dan kien gie mkecci (Dok. Nru. 1B). Fil-5 ta' Lulju, 1978 il-General Manager kitiblu ittra (Dok. Nru. 1C) b'mod generiku fuq nuqqasijiet li anki kellu xi affarijiet li ma kellhom ebda bazi fil-verita'. Ghal dawn ir-ragunijiet it-tkeccija ta' Arthur Cordina kienet ingusta u gie mitlub li c-certifikat tat-temm ta' l-impieg jigi mibdul

/3. .....

u li jigi moghti kumpens ta' nofs il-paga mid-data tat-tkeccija sad-data ta' l-Award.

4. Ghall-Kumpanija Heidemann Sportswear Ltd. gie sottomess li Arthur Cordina gie mkecci ghal hafna ragunijiet fosthom li
a) konsistentement ma kellux kontroll fuq in-numru ta' qliezet li kienu qeghdin jigu esportati ghax kien ikun hemm ghadd ta' qliezet nieqsa u dan ma ghandux jigri minn mindu spicca l-appellant minn mal-Kumpanija;

b) kien qed jaghmel il-'loading' b'manjiera hazina hafna tant li hafna qliezet kien qed jigrilhom hsara u mhabba hekk kumpanija serja tat-tghobija ma riedetx tkompli tahdem ma Heidemann imhabba li Cordina kien qed jghabbi hazin;

c) ghamel zball ikrah meta ghamel invoice hazina billi ghamel "underdeclaration" fil-kwantita' u valur ta' qliezet li gew esportati bil-konsegwenza li gab lil 'parent company' f' imbarazz serju mad-Dwana Germaniza, b'riperkussjonijiet u konsegwenzi serji hafna;

d) l-imgieba tieghu mal-'Plant Manager' kienet skorretta hafna;

e) li waqt il-hin tax-xoghol kellu l-ardir juri lil tfajla impjegata ktieb pornografiku.

Ma l-'istatement of case' gew esibiti dawn id-dokumenti - kopji ta' :

1. Ittra bid-data tal-5 ta' Lulju 1978 mill-General Manager lill-appellant (Dok. Nru. 2C).
2. Ittra bid-data tal-5 ta' Lulju mill-General Manager lis-Sur France Carbone, id-Direttur tax-Xoghol (Dok. Nru.2D).

3. Ittra minn Messrs Cassar and Cooper, lill-Manager Heidemann Sportswear Ltd. li ggib id-data tat-22 ta' Novembru 1977 (Dok. Nru. 2E).

4. Ittra minn Messrs Mifsud Brothers Limited, bid-data tas-16 ta' Novembru, 1977, lill-Messrs Cassar and Cooper Ltd; (Dok. Nru. 2F).

5. 'Job Description' ta' Arthur Cordina (Dok. Nru. 2G).

6. 'Invoice' No. 7 tat-23 ta' Frar, 1978 (Dok. Nru. 19A).

7. 'Telex No. 65' tat-13 ta' Marzu, 1978 (Dok. Nru. 19B).

8. 'Telex No. 72' tat-23 ta' Marzu 1978 (Dok. Nru. 19C).

9. 'Telex No. 76' tat-27 ta' Marzu, 1978 (Dok. Nru. 19D).

10. 'Telex No. 78' tat-31 t'April 1978 (Dok. Nru. 19E).

11. 'Telex No. 90' tas-17 t'April 1978 (Dok. Nru. 19F).

12. 'Telex No. 95' tal-24 t'April 1978 (Dok. Nru. 19G).

13. 'Invoice No. 21' tat-12 ta' Mejju 1978 (Dok. Nru. 19H).

14. 'Telex No. 118' tal-5 ta' Gunju 1975 (Dok. Nru. 19I).

15. Certifikat Mediku ta' Dr M. Cordina, M.D. datat 21 ta' Novembru 1977 (Dok. Nru. 3).

16. Certifikat Mediku ta' Dr M. Cordina, M.D. datat 24 ta' Marzu, 1977 (Dok. Nru. 4).

17. Certifikat Mediku ta' Dr M. Cordina, M.D. datat 24 ta' Novembru, 1977 (Dok. Nru. 4A).

18. 'Telex No. 111' datat 24 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 5).

19. 'Invoice No. 22A' (To replace Old Invoice) bid-data tat-18 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 6).

/5. .....

20. Dikjarazzjoni ta' merkanzija bhala prodott tal-Gzejjer ta' Malta biss, bla data u bla firma prezentata d-Dwana fit-18 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 7).

21. Form C.D. - Exchange Control Act, 1972. Exports from Malta, bid-data tat-22 ta' Mejju, 1978 izda pprezentata d-Dwana fit-18 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru.8).

22. Tlett 'statements' fuq ordnijiet (Dok. Nri. 9, 10 u 11).

23. 'Invoice No. 22' datata 24 ta' Mejju, 1978 (To replace old invoice') (Dok. Nru. 12).

24. Form C.D. - Exchange Control Act, 1972 datata 24 ta' Mejju, 1978 ghal Invoice No. 22 (Dok. Nru. 13).

25. Dikjarazzjoni ta' Merkanzija bhala prodott tal-Gzejjer ta' Malta biss affermata minn Arthur Cordina, bid-data tal-24 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 14).

26. Dokument dwar tghabija ta' 8592 pieces Trousers datat 26 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 15).

27. Ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija, bid-data tat-3 ta' Marzu, 1977 lill-Manager Heidemann Sportswear Ltd. (Dok. Nru. 17).

28. Ittra mill-Manager Heidemann Sportswear Ltd. bid-data tal-25 ta' Frar, 1977, lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok. Nru. 17 ).

29. Ittra mill-Manager Heidemann Sportswear Ltd. bid-data tat-2 ta' Frar, 1977, lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok. Nru. 17C).

30. Ittra lil Manager Heidemann Sportswear Ltd. bid-data ta' 1-4 ta' Frar, 1977 (Dok. Nru. 17B).

5. <u>Ghall-appellant</u> dehru dawn ix-xhieda :

Is-Sur Joseph R. Aquilina ex-General Manager tal-Kumpanija Heidemann Sportswear Ltd.;

Miss Josette Zammit ex-impjegata ta' Messrs Heidemann;

Francis Tesi - handyman ma Messrs Heidemann.

Arthur Cordina - l-appellant minn jeddu;

Paul Portelli - Production Manager ma Messrs Heidemann;

Miss Marisa Tabone ex-impjegata ta' Messrs Heidemann;

Laurence Bugeja ex-impjegat ta' Messrs Heidemann;

Jimmy Busuttil ex-General Manager ta' Messrs Heidemann.

Ghall-Kumpanija Heidemann Sportswear Ltd.- Joseph R. Aquilina.

6. Xhieda fil-qosor - Joseph R. Aquilina spjega ghal iżjed minn darba u car hafna is-sistema tax-xoghol u l-esportazzjoni tal-Kumpanija. Qal li x xiri ta' materjal u l-accessorji kien isir fil-Germanja mill-'Parent Company', jintbghat lill-Kumpanija Sportswear Ltd biex jinhadem fuq bazi ta' 'cut, make and trim' li kienet tfisser li kull ma jinhiegh kien ix-xoghol biss, u li kienet tasal hawn Malta il-'computerized cutting order' li kienet tkun il-'plan ta' l-ordni' u ghalhekk is-'supervisor' tal-'cutting room' kien jipprova jaqta' ezatt kemm jista' jkun izda mhux dejjem ghal ragunijiet teknici kien ikun possibbli li ma jkunx hemm diskrepanzi bejn dak li jkun ordnat u dak maqtugh attwalment u dawn id-diskrepanzi kien jimmarkahom is-'supervisor'; din il-karta kienet tghaddi ghand il-'Production Manager' u wara lill-istor u mhabba li fil-process tal-manifattura kienu jintilfu xi qliezet mhabba li jitqattghu, mismatching u ragunijiet ohra, kien id-dmir li ta' l-istore li jaghmel "final tally" ta' kemm inqatghu qliezet, liema kuluri u daqsijiet u li jlesti 'l-invoice' biex jibghata il-Germanja, izda mhabba li "overloading jew underloading" fit-'trailer' kienet tintbghat notifika bit-telex ta' x'kien ikun fih it-trailer attwalment u din kienet tigi accettata mid-dwana Germaniza li kull tant kienet taghmel 'spot check'. Dan kien ix-xoghol ta' Arthur Cordina, l-appellant, kif ukoll li javza "bil-kwantita' ezatta tal-qliezet li jkun illodja fit-trailer, bil-prezz preciz mhux bi prezz differenti."L-appellant kien jaghti t-telex lis-Segretarja u kien kompitu tieghu li

jiccekkja x'tibghat is-Segretarja." Ix-xhud fuq dan il-punt qal ukoll li mill-esperjenza tieghu, is-Segretarja qabel tibghat telex dejjem kienet tipprova turiha lill min taha d-'draft' biex tikklerja mieghu. Fuq l-ahhar incident li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant, ix-xhud qal li d-dwana Germaniza ghamlu 'spot check' li kienu jinvolvu l-invoices minn nri. 22, 22 u 23 tal-1978, f'wahda instab li kienu ntbaghtu izjed qliezet milli gew dikjarati, fl-ohra intbghatu inqas u li kien hemm serju hafna fl-opinjoni tax-xhud, kien li l-istess ordni li kienet maqsuma f'zewg shipments, fit-tieni 'sending' il-prezz gie 'underdeclared' u d-dwana Germaniza dehrilhom li dan seta' kien kaz ta' frodi. Fuq is-sistema tad-dixxiplina ix-xhud qal li ghal grad bhal ma kien l-appellant il-Production Manager ma setghax jagixxi wahdu izda kellu jikkonsulta l-General Manager, anki meta kien il-Germanja hu; zied jghid li ukoll li waqt li min ikun involut ma' kienx ikollu 'charge' bil-miktub, kien ikollu wiehed verbali, jigi muri d-dokumenti kollha, ikollu l-opportunita' shiha jiddefendi ruhu u fil-kaz ta' l-appellant kellu ukoll konfrontazzjoni max-xhieda. Fuq kemm-il darba taw 'warnings' lill-appellant ix-xhud qal li ma kienx hemm 'records' izda hilu kien qallu Mr W. Heidemann li lill-appellant kien widdbu hafna drabi, kien ukoll widdbu Mr Disears, kien widdbu s-Sur Portelli u darbtejn kien widdbu hu personalment u gib bhala eżempju l-kaz tal-pornografija meta hu kien il-Germanja u rcieva telefonata minn ghand id-Direttur ta' Heidemann li qallu li fil-fabbrika Malta hemm l-inkwiet ghax hekk kien infurmah is-Sur Portelli li kien il-Production Manager Malta, zid jghidlu li huma mill-Germanja ma setghux jiddeciedu mhabba d-distanza, il-lingwa u diffikultajiet ohra u talbu biex icempel u jinvestiga. Ix-xhud qal li hekk ghamel, tkellem mas-Sur Portelli li kien qed imexxi l-fabbrika fl-assenza tieghu, dan iddeskrivilu x'gara u nfurmah li t-tfajliet fil-fabbrika hadu dan l-incident bi kbir ghax it-tfajla koncernata kienet ghamlet plejtu u li fil-fehma tieghu l-appellant li kien l-involut, kellu jitkecca izda hu ma qabadtx u qallu iva izda ried qabel xejn ikellem lill-appellant, u wara konversazzjoni

mieghu, u sema' l-versjoni tieghu li ma qablet xejn mal-versjoni li kien tah il-Production Manager, hu ddecieda li jaghtih sospensjoni u twiddiba serja li noident iehor jitkecca. Dik kienet l-ewwel twiddiba; it-tieni kienet fuq kif l-appellant kien qed jillodja u dan kien ilment mic-Chairman tal-Kumpanija gol-Germanja li kien infurmah li kif kien qed isir il-"loading" tat-trailer ma kienx hlief sinjal ta' traskuragni, tahlit ta' ordnijiet, li kien qed jimbarazza il-Parent Company mal-klijenti taghha u ma setghux ma dawn jahdmu b''penalty clauses' u joqghodu jiskuzaw ruhhom, jghidulhom biex jistennew ftit ghax baqa' xi haga Malta u kkwota testwalment x'qallu c-Chairman li kien dan "Jekk jghogbok l-ewwel darba li tmur Malta widdeb lil Cordina li dan irid jinqata' dan l- gir" u x-xhud wara li kien gie Malta u sema' lill-appellant jaghtih versjoni ohra u hu kien ivverifika u sab li l-versjoni ta' l-appellant ma kienet vera xejn u ghalhekk kien widdbu fuq dan ukoll u qallu car li l-"invoices u x'tghabbi fit-trailer irid ikun korrett". Fil-fatt qal ukoll li meta kien il-Germanja kien jisthi meta jinfetah trailer u kienu jghidulu "This is Malta's visiting card" u waslu biex anki rrangaw max-'Shippers' li jibghatu wiehed biex jghallem lill-appellant kif jghabbi u meta ghabba dan ma garax li kien jigri qabel izda wara meta kien l-appellant beda jigri korta kif kien isir qabel. Zied jghid li meta dahal fil-kumpanija hu, ried jaghmel kontroll fuq l-istores, dak iz-zmien kien ghadu ma dahalx Production Manager is-Sur Portelli izda kien ghad hemm is-Sur G. Haladin u l-appellant kien jilmenta li kellu ugiegh f'dahru u li xogholu ma setax mhabba hekk jaghmlu; it-tabib tal-Kumpanija ma seta' jsiblu xejn izda kien jaghtih il-beneficcju tad-dubbju u kien kull darba jiccertifikah u mill-bidu li dahal hu mal-Kumpanija l-appellant ma kienx jiehu parti attiva fil-loading u kienu ghalhekk juzaw is-servizzi tal-handymen u nies 'off-standard' mill-'cutting room' biex l-appellant jaghmel is-'supervision'. Zied jghid ukoll l-incident tal-'invoice' kien ghamel telex lill-Production Manager fejn talbu jkellem kemm lis-segretarja u lis-Sur Cordina fuq l-importanza tal-izball li

kien sar u "minn dak in-nhar is-Sur Cordina abdika ghal kollox id-doveri tieghu fil-fabbrika li dan haqa' jmur ghax-xoghol u ma jaghmel xejn" u meta wasal Malta hu, sab lil Production Manager fil-11.00 ta' bil-lejl u meta staqsieh wieghu li s-Sur Cordina ilu hmistax jew tlett gimghat bis-sick leave, li dan ghamel zmien abbanduna d-doveri tieghu.

Is-Sur Joseph Aquilina meta gie mseejjah ghax-xhieda mill-Kumpanija, qal li meta beda bhala General Manager hu kien sab rapport mill-predecessuri tieghu li misterjozament kienu nsterqu mill-Kumpanija elfejn u mitejn qalziet u dan inkwetah serjament imhabba li hu kien responsabbli mad-dwana Malta li l-materjal li jidhol bla dazju kien jigi esportat mahdum u ghalhekk kien staqsa u sar jaf li l-pulizija kienu ghamlu nvestigazzjonijiet u ma waslu mkien; dak iz-zmien kien hemm security officer li kien jinvizta l-fabbrika f'hinijiet irregolari u ghalhekk kien staqsa lilu fuq din l-affari wieghu li ma setax jghidlu fuqha izda qallu li darba kien sab lis-Sur Cordina ma bniedem iehor fis-siegha ta' bil-lejl u ta' dan l-incident ma sarx "follow up" u ghalhekk staqsa direttament lil Arthur Cordina u qallu li kien ghadu kif ghabba trailer u kien hemm halli jlesti d-dokumenti. Ix-xhud zied jghid li qallu lil Cordina biex jahdem ta' ragel izda meta x-xhud ried jixtri qalziet minn gol-fabbrika u sablu wiehed Cordina, u ried ihallas ghalih, Cordina kien qallu : "hudu b'xejn, hawn gew isiru hafna abbuzi." Izda x-xhud hallas ghalih b''cheque' anzi zied il-kontroll fuq il-bejgh ta' qliezet li jixtru l-impjegati u gieb il-permess tad-dwana. Ix-xhud zied jghid li darba kien sema' li kien hemm qliezet ta' Heidemann jinbieghu lokalment u hu pprova jara sewwa u kien instab wiehed f'hanut Birkirkara u gie stabbilit li dan kien qalziet tat-tfal ta' stil Livorno cutting order 421, li l-ordni shiha harget mill-cutting room fis-27 ta' Gunju 1977 u dahlet fil-'finished stores' fis-26 ta' Awissu, 1977, u ghalhekk kien tah lill-Pulizija biex jinvestigaw u wara mar l-ispettur tal-pulizija u kien qallu li

dak il-qalziet kien mehjut mill-mara ta' Arthur Cordina u x-xhud wrieh li dan ma kien jinnu xejn u ghalhekk junejn wara rega' mar ghandu l-ispettur u qallu li dak il-qalziet kien hadu Arthur Cordina bil-permess tal-Management ta' qablu ghax dak iz-zmien kienu jaghtu permess li jiehdu qliezet lill-impjegati biex jintlibsu. Hekk jew hekk meta kellem id-diretturi l-Germanja dawn qalulu li izjed money wise jintilef wisq hin fil-girja wara min seraq u ghalhekk l-incident spicca hemm. Ixxhud irrefera ghal 'invoice' No. 7 tat-23 ta' Frar, 1978 (Dok. Nru. 19A), ghal Telex No. 65 tat-13 ta' Marzu, 1978 (Dok. Nru. 19B) ghal Telex No. 72 tat-23 ta' Marzu, 1978 (Dok. Nru. 19C) fejn jidher car li fi tliet shipments kien hemm 142 (mija u tnejn u erbghin qalziet li sparixxew, u qatt ma dahlu fit-trailer, kif ukoll skond Telex No. 76 tas-27 ta' Marzu, 1978 (Dok. Nru. 19D) jidhru 39 (disa u tletin) li sparixxew u 37 (seba' u tletin) li tqattghu, skond Telex No. 78 tal-31 ta' Marzu, 1978 (Dok. Nru. 19E) jidhru 115 sparixxew u 29 tqattghu mela f'xahrejn kien hemm 296 qalziet 'unaccounted for' u din l-istorja baqghet sejra hekk sakemm giet l-invoice No. 22 (Dok. Nru. 22A) li kienet ix-xaghra li qasmet dahar il-gemel fejn kien hemm 'under declaration' ta' 2652 (elfejn sitt mija u tnejn u hamsin) D.M. as computed by Mr A. Cordina himself meta pprova jirranga l-izball meta holoq invoice No. 22A (Dok. Nru. 22C) to replace l-invoice hazina li kien baghat'. Kien ukoll li d-diretturi mill-Germanja kienu taw lill-Kumpanija Malta l-prezzijiet godda ghal qliezet u dawn intbaghtu bil-prezz antik u barra mill-imbarazz mad-dwana Germaniza dan l-izball seta' qala' nkwiet mas-Central Bank Malta mhabba "foreign exchange" u fuq kollox tfaccat invoice ohra ta' Cordina stess bl-istess numru 22 bid-data tal-24 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 22E) li ma kellha x' taqsam xejn ma l-originali invoice 22 tat-18 ta' Mejju 1978 (Dok. Nru. 22B) b'valur ta' 82,166 D.M. Dawn l-affarijiet ghar-raguni li l-Parent Company, mhabba s-serjeta' taghha, kienet fdata hafna mad-dwana Germaniza u kellha arrangamenti specjali, setghu jgibu konsegwenzi kbar u l-Germanja "kienu imwerwrin illi dawn se

jispiccaw quddiem Qorti amministrattiva Germaniza biex jirrispondu ghal dawn id-diskrepanzi, ghal dawn l-under-declarations for customs purposes" fuq kollox gal ix-xhud, kien hemm "relazzjoni specjali bejn parent company and a wholly owned subsidiary fejn jista' jidhol suspett kbir ta' fiddling ta' inter company transfer pricing meta jsiru dawn l-izbalji hekk." Ghal mistoqsija jekk qattx widdbu fuq dawn l-affarijiet lil Cordina, ix-xhud wiegeb li hu kien qallu hafna drabi u dan kien jghid li se jirranga - ix-xhud kien jemmen f'relazzjonijiet personali f'dawn l-affarijiet u ma kienx joqghod jikteb 'warnings' u dan sar "elf darba ma Arthur Cordina u l-folja ma tbiddletxqatt", zied jghid li "kellu repeated warnings fuq kif jghabbi, "senna kaz fejn Cassar and Cooper kienu infurmawhon li kellhom inkwiet kbir mal-pulizija u dwaniri taljani u dawn l-affarijiet Cordina kien jaf bihom; zied jghid ix-xhud "Jien kont nammonieh verbalment imma bis-serjeta' kbira biex ibiddel hajtu" u x-xhud bhala General Manager kien ipprova jaghmel minn kollox anki fil-kaz tal-ktieb pornografiku meta kien il-Germanja nsista, wara li kien kelmu l-Production Manager bit-telefon li jkellem lill-Cordina wkoll halli jkollu versjoni ohra u meta gie Malta kien qallu li ncident iehor jitkecca. Ix-xhud kien il-Germanja u kellu ghalhekk l-opportunita' li jara t-trailers li jaslu minn Malta u fl-opinjoni tieghu il-loading kien ikun hazin u kif gie Malta pprova jirranga s-sistema tax-shipping u lil Cordina "kont id tal-hadid mieghu, meta kont inkellmu."

Miss Josette Zammit qalet li hi kienet tahdem fl-istore mal-Kumpanija, kienet taf li Cordina kellu ktieb mhux xieraq fid-desk u Cordina invitaha biex tarah; cahdet kategorikament li hi xi darba kienet fit-trailer ma zewg tedeski u zewg individwi ohra jaraw dan il-ktieb u kien Arthur Cordina li qalla li kellu dan il-ktieb u ried li jurihula u hi ma riedetx tarah, irrabjat u marret tirrapporta lill-Manager u haditlu l-ktieb ghax dehrilha li dawn l-affarijiet mhux suppost li jidhlu l-fabbrika.

<u>Joseph Tesi</u> li kien jahdem bhala handyman mal-Kumpanija qal li gie li ghabba containers ukoll ma shabu ohrajn u darba wiehed Germaniz tahom ktieb u ma ftakarx li Cordina kien canfarhom.

<u>Joseph Grech</u> qal li gie li ghabba xi trailers izda ma ftakarx la li ra xi ktieb u anqas li kien hemm xi tedesk.

<u>Arthur Cordina</u> qal li meta dahal jahdem mal-Kumpanija hu ha handing over f'nofs ta' xahar minn ghand Laurence Fugeja u dan qallu biex joqghod attent "ghaliex dawn jaghmlu l-invoices erbat ijiem qabel u ma tista' tigi qatt taqbel fit-trailer ghaliex dagqa jnomnu d-dwal, dagqa jnur il-boiler, l-absentees tat-tfajliet u l-production ma tilhaq qatt kif iridha Mr Heidemann," cahad li qatt xi hadd tah xi 'warning' anzi meta darba qalulu li kien hemm 100 qliezet niqsa, hu hadu bi kbira u wara rcieva telex minn ghand Mr Heidemann li kien jghid "Sorry Arthur mistake was in Germany". Fuq l-incident meta kellu sospensjoni ta' jumejn fuq ktieb pornografiku, qal li darba kienu jghabbu trailer, kien hemm Johnny Azzopardi u ghajjat lil Josette Zammit. damet xi zewg minuti, hu tela' jigri fit-trailer u sab dan il-ktieb - kien hemm barra John Azzopardi, zewg Germanizi, Tesi u Grech, tela' u qal lil Josette Zammit "Trissek tistni juruk dan il-ktieb l-istrangieri u l-Maltin" u kien waddbu taht affarijiet fid-desk tieghu u Josette Zammit talbitu biex tarah u regal qalha li jmissa tisthi u wara l-break Josette Zammit qaltlu "Il-ktieb rajtu taf" u regal canfarha u wara xi erbat ijiem kien mar supervisor u qalulu li Josette Zammit kienet fuq mal-Production Manager, u wara xi ftit mistlu u s-Sur Portelli (l-Production Manager) staqsieh jekk kellux xi ktieb pornografiku fid-desk, u x-xhud irrisponda li dan kien veru izda li ma kienx tieghu, mar ifittxu u ma sabux u dan qallu jien kont ser inkeccik izda qallu biex ikompli jidhol ghax-xoghol u meta gie s-Sur Aquilina mill-Germanja, tah warning u jumejn jew tlieta sospensjoni u kien iffirma karta tas-sospensjoni, izda avolja iffirmaha, dan ma riedx jiffirmaha izda dak iz-zmien ma kienx hemm Union fil-fabbrika.

Fuq l-incident li wassal ghat-tkeccija tieghu, ix-xhud qal li l-Production Manager kien infurmah li Heidemann kien irrabjat ghal Arthur u Marisa fuq l-invoice numru 22. Ghalhekk kien mar dak il-hin, gab kopja, iccekkjaha mal-Production Manager stess u iehor u sabu li kien tajjeb, qal ukoll li s-sistema kienet li hu kien jaghmel l-invoice xi erbat ijiem qabel ma jibda jghabbi t-trailer, kien imbaghad jaghti l-'proper invoice' lis-Segretarja biex wara din,hi tibghat "il-proper invoice"u mbaghad tibghat l-actual loading in the trailer". Zied jghid li l-actual kien jaghtihilha fuq bicca karta bil-kallegrafija tieghu u hu qatt ma kellu r-responsabbilta' li jiccekkja t-telexes qabel johorgu, dejjem iz-zewg managers iccekkjawhom.Ma ftakarx wisq fuq il-loading ta' dan it-trailer ta' Combinatie.Fuq 'sick leave' hu qal li fl-ewwel 20 xahar ma marad qatt izda b'irfieh tal-balal marad gingha u t-tabib qallu jistrieh.

Paul Portelli - Production Manager mal-Kumpanija spjega is-sistema tax-xoghol u l-organizzazzjoni, u li Arthur Cordina kien fil-middle management in charge ta' l-istores u kellu xi tlieta minn nies tahtu u ta dettalji ta' x'kien ix-xoghol tieghu; spjega s-sistema ta' l-ordnijiet u x-xoghol kif isir kollu u anki l-kontroll u xi diffikultajiet - u allura jekk l-ordni mill-Germanja kienet tkun ghal kwantita' ta' qliezet Cordina kien ikun irid jiccekkja biex mill-production line jircievi dik il-kwantita' izda seta' jaghti l-kaz li jkun hemm xi numru ta' mqattghin waqt il-process u jista' jkun ukoll li mhabba diffikultajiet ohra ma tigix prodotta l-kwantita' t mehtiega bhal "shortage of length" izda Cordina ma kienx responsabbli ta' dan ghax hu kien responsabbli biss tal-"finished stores" u kellhom kontroll fuq dan bil-"phamox". Cordina kien ukoll responsabbli biex jara t-taghbija tal-konsenja fuq it-trailer barra minn hekk kellu l-kompitu li jara li jekk jista' li l-ordni tmur shiha u jekk ikun hemm post jibghat xi ordnijiet ohra jew part-order izda x'jidhol fit-trailer kienet ir-

responsabbilta' ta' Cordina u anki kif jillowdjah u anki x'kien hemm fl-istores, u s-sistema kienet li meta Cordina jaghlaq it-trailer u jkun jaf il-kontenut jagmel invoice u dak li "actually loaded". Fuq il-kaz tal-ktieb pornografiku qal li darba marret ghandu tfajla u qaltlu li Cordina urieha ktieb pornografiku fl-istores, u hu hass li kellu jwissieha li dan kien rapport serju u hi ivvolontarjat li ggibu ghaliex qaltlu li kien fid-desk ta' Cordina, u wara xi zmien l-istess ġurnata din it-tfajla marret l-ufficcju tieghu u hallietlu pakkett li fih kien il-ktieb u taghtulu go foolscap, u wara li harget fethu u ra li dan fil-fatt kien ktieb pornografiku, u kkonfonda ghax bil-fors ried li jiehu passi ghax fil-fabbrika kien hemm tfajliet ta' 16, 17 u 18-il sena u ghalhekk kien ser jinqala' l-inkwiet mit-tfajliet u anki mill-genituri taghhom u anki mhabba Cordina stess, u ghalhekk ha parir minn ghand bnieden kompetenti u l-ghada kellem lil Cordina wahdu u dan qallu li dak il-ktieb kien ta' wiehed driver ta' trailer u kien qed izommu biex jagha' jaghtih lura lid-driver meta jigi darb'ohra, ma ftakarx li qallu fuq xi tedesk jew li qallu fuq xi numru ta' nies li kienu jaraw dal-ktieb fit-trailer, anzi qal bejna u bejn ruhu li dan kien imissu irraporta fuq dan il-ktieb u mhux zammu u la kien ghandu kien tah ic-chance li jitlaq u jirrizenja. Cordina qal li dik it-tfajla ma kellha ebda dritt tiftahlu d-desk. Fuq incident iehor semma li jew b'telefonata jew b'telex kienu nfurnawh li ser jibghatu tape-recorder fit-trailer biex jitghallmu l-lingwa fuqu izda dan it-tape recorder ma nstabx u hadd ma rah izda wara xi zmien instab li kien ghand Cordina li qal li kien haseb li d-driver tat-trailer kien tah lilu personali. Ix-xhud qal ukoll li ftakar incident iehor meta Cordina ried li certa tfajla tmur tahdem mieghu hu kien irrapportaha li ma riedetx tmur tahdem "overtime". L-ghada bghat ghaliha u minflok tahdhasla hu, bdiet tibki, tghajjat u qaltlu "ma dak ma nistax nahdem, ma tafx x'jigifieri go l-istores" u hafna affarijiet bhal dawn pero' din it-tfajla tat in-notice immedjatament u telqet

/15. .....

dak il-hin stess. Fuq talba tar-rapprezentant tal-Kumpanija, ix-xhud spjega s-sistema ta' kontroll bill-'phanox' li kienet taghti dettalji ezatti fuq il-produzzjoni u l-kontroll fuq dak kollu li kellu wiehed jaghmel fuq produzzjoni u li Cordina kellu r-responsabbilta' diretta ta' x'jidhol fl-istore, x'jidhol fit-trailer u jirrekordjah, u li t-telex kien isir minn Cordina ghaliex hu kien ikun jaf ezattament il-kontenut tat-trailer, u dan kien jghaddih lis-Segretarja biex tittajpjaha u tibghataha barra.

Marisa Tabone - Ghal sitt xhur kienet segretarja mal-Kumpanija qalet li hi kienet tibghat it-telexes li kienu jaghtuha u fil-kaz ta' Cordina x'kien jibghat.

Laurence Bugeja kien supervisor fil-finishing section qal li gie li kien ikun hemm diskrepanzi pero' fi zmienu ma kienux ikunu ammonti kbar, kien ikun hemm affarijiet zghar bhal 'seconds' u meta verament kien ikun xi ammont kbir kien jirraporta ghax dejjem kienu jnorru dawk li kienu jkunu 'finished' u dejjem ippakkjati fit-'trailer'.

Jimmy Busuttil li kien General Manager tal-Kumpanija ghal xi sena qal li fuq Cordina seta' jaghti referenza tajba ghax meta kien hemm hu dak li ntbghat dejjem kien jikkorrispondi ghall-invoice ghaliex l-invoice kienu jaghmluh wara li jghabbu t-trailer.

7. Sottomissjonijiet finali. Is-Sur Albert J. Tabone ghall-appellant issottometta li Arthur Cordina gie mkecci minn mal-Kumpanija f'Gunju tal-1978 u r-raguni ta' temm ta' mpieg kienet "just and sufficient reason". Wara din id-data l-General Manager, wara li kien tkellem mad-Direttur tax-Xoghol, f'ittra datata 5 ta' Lulju, 1978, mibghuta lil Cordina ta spjegazzjoni izjed cara izda l-assorzjonijiet generici ta' l-ittra ma gewx issapportjati mix-xhieda msejjha mill-management tal-Kumpanija.

/16. .....

Is-Sur J.R. Aquilina, meta kien sar General Manager, kien kellem lil Cordina u kien qallu "ghamilt x'ghamilt mieghi you have a clean fresh sheet" u dan qalu fix-xhieda tieghu is-Sur J.R. Aquilina stess u ghalhekk jekk kien hemm gustifikazzjoni ta' tkeccija kellha tkun ghal htijiet li Cordina seta' jaghmel wara l-5 ta' Dicembru 1977. Wara din id-data jidher li kien hemm zewg incidenti, wiehed tal-pornografija u l-iehor l-izball fil-prezzijiet u kwantita' ta' merkanzija f'Mejju tal-1978. Dwar il-kaz tal-pornografija gie sottomess li kien hemm konflitt fix-xhieda ta' Josette Zammit u Francis Tesi, waqt li Joseph Grech ma kien specifiku xejn bil-kliem "ma jidhirlix", u ghalhekk kien hemm dubbji serji dwar xi htija seta' kellu Cordina li kien ha htija u piena minghajr investigazzjoni xierqa u minghajr ma nghata chance jiddefendi ruhu. Dwar xi dell li setghu jitfghu fuq Cordina fuq affarijiet ohra ma hemm xejn konkret u l-affari tal-qalziet tat-tfal li nstab f'hanut f' Birkirkara ma seta' bl-ebda mod ma jitqies izjed kbir minn dnub venjali. Dwar il-mod kif kien jghabbi t-trailers, gie sottomess li certi trailers kienu jitghabbew ahjar minn ohrajn u Cordina ma kellu ebda tort li l-Kumpanija ghazlet li tghabbi go trailers zghar fejn il-konsenji kellhom bilfors jigu ppressati aktar milli fi trailers izjed kbar. Dwar li l-gwaj serju kien sar fil-konsenja tal-24 ta' Mejju 1978 li l-invoice taghha kienet "faulty and undeclared the value and contents of the shipment", u fuq dan gie sottomess li din kienet marda kronika fil-fabbrika. Hareg mix-xhieda tas-Sur Aquilina li d-diretturi kienu tawhom prezzijiet godda izda b'dawn Cordina ma kienx jaf u hadd ma qal li lil Cordina kienu nfurmawh bihom u Cordina kien sar jaf bihom minn ghand is-Sur Portelli xi granet wara li telqet il-konsenja. Is-Sur Albert Tabone sostna li Cordina ma kellu ebda 'warning' fil-veru sens tal-kelma bhal ma wera li jrid it-Tribunal kif gie kemm-il darba mtenni fl-awards ta' l-istess Tribunal u tkeccija minghajr warnings trid tkun fuq haga ferm izjed gravi minn dawk li gew attribwiti lil Cordina u xhieda fuq 'hearsay' bhal ma kien hemm f'dan il-kaz ma kellha ebda valur. Kien ghalhekk li Arthur Cordina ma kellux jigi mkecci

u ma kienx hemm ebda kawza gusta li setghet tiggustifika tkeccija. Gie sostnut li anki kieku l-incident ta' l-invoice kien tort ta' Cordina. dan fih innifsu ma kienx jiggustifika tkeccija u t-Tribunal gie mitlub li jordna l-kancellament tac-certifikat tat-tkeccija u l-hrug ta' certifikat ta' temm ta' mpieg nadif, il-hlas da parti tal-Management tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali ghal perijodu mis-26 ta' Gunju, 1978 sal-31 ta' Marzu, 1979 u l-hlas ta' kumpens xieraq almenu ta' nofs il-paga mid-data tat-tkeccija sad-data ta' l-Award tat-Tribunal.

8. <u>Ghal Kumpanija</u> gie sottomess li kif deher mix-xhieda kien ikun hemm numru sostanzjali ta' qliezet nieqsa u dan ma ghadux isir minn mindu Cordina ma ghadux fl-impieg tal-kumpanija u c-Chairman tal-'Parent Company' kien inkwetat hafna fuq dawn ix-short shipments mhabba l-"penalty clauses" li kienu iebsin hafna u l-~~zona hazina~~ isem hazin li kienet qed tiehu l-kumpanija Heidemann. Bizzejjed wiehed jghid li mid-dokumenti prodotti jidher car li kull shipment beda jkun hemm ghadd ta' qliezet li jisparixxu u jekk fi ftit shipments tlett mitt qalziet ma dehrux dan kien ifisser hames mitt metru drapp apparti mix-xoghol u affarijiet ohra. Sostniet il-Kumpanija li Cordina tant kien tilef il-kontroll tax-xoghol li ghalih kien responsabbli li hu stess beda jistaqsi ripetutament lill-'Parent Company' kif jidher mit-Telexes, kemm sabu qliezet fit-trailer u fuq zewg 'shipments' partikolari hareg erba' invoices differenti bi prezzijiet differenti u gew prezentati hames dokumenti biex dan johrog izjed car. Id-dokumenti kienu dawn:

a) Telex Numru 111 tal-24 ta' Mejju, 1978 (Dok. Nru. 22A) ghal invoice numru 22 - Malta 18.5.78.

b) Invoice Numru 22 tal-18.5.78 bil-valur ta' D.M. 22324-46 ghal 3000 bicca (Dok. Nru. 22B).

c) Invoice numru 22A bid-data 18.5.78 "to replace old invoice" bil-valur D.M. 24976.09 (Dok. Nru. 22C) ghall-3000 bicca packed in trailer No. 23.

d) Invoice numru 23 bid-data 24.5.78 ghal 10,179 bicca bil-valur ta' D.M. 138,000 (Dok. Nru. 22D).

e) Invoice numru 22 bid-data 24.5.78 ghal 10,179 biċċa bil-valur ta' D.M. 82,166.73 "To replace old invoice" (Dok. Nru. 22E).

f) Kopja ta' ftehim datat 5 ta' April 1978 bejn Combinatie u Heidemann fejn 'inter alia' jghid hekk "for the next three trailers loading full loads from Heidemann, Combinatie will supply a man full time to load and hang garments in our trailer to give the opportunity to train a man from Heidemann to do this job on their own thereafter." (Dok. Nru. 22F).

Minn dawn id-dokumenti wiehed jinnota li n-numri ta' l-AMI ta' l-ahhar shipment (Dok. Nru. 22D) u (Dok. Nru. 22E) li hemm in-numru 9770 qabel in-numru ta' l-AMI ta' l-ewwel shipment datat 18.5.78 (Dok. Nru. 22B) u (Dok. Nru. 22C) liema certifikat kellu numru 9771 li kompla hawwad aktar u aktar il-fizzjali tad-dwana Germaniza - dawn id-dokumenti li huma kollha ffirmati minn Cordina, jaghtu stampa konfuza ta' prezzijiet telghin u nezlin u juru car li Cordina kien jaf bil-prezzijiet godda, tant hu hekk li meta hareg ir-"replacement invoice" datata 24.5.78 (Dok. Nru. 22E) biex jibdel invoice numru 22 (suppost 23) datata 24.5.78 (Dok. Nru. 22D) fir-'replacement' li ghamel, hemm tahwida shiha fil-prezzijiet li tbaxxew u gholew vis-a-vis l-prezzijiet li hemm f'Dok. Nru. 22D. Din kienet konfuzjoni liema bhala li ma jaccettaha l-ebda General Manager la Germaniz u inqas Malti. Heidemann kienet kumpanija fdata fil-Germanja li b'dawn l-izbalji pperikolat titlef il-fiducja li kellha u tebel pieni horox waqt li l-Kumpanija Malta wkoll setghet tigi fin-nofs mad-dwana ta' Malta li twaqqaf il-koncessjoni tad-"duty exemption" mhabba l-ghadd ta' qliezet, u allura drapp, li sparixxew. Kien Cordina li kien responsabbli ta' dan kollu, u l-firma ta' Cordina tidher kullimkien. Barra minn dan l-problemi li setghu nholqu mas-Central Bank ghaliex dawn l-affarijiet setghu raggjonevolment holqu suspetti ta' tbaghbis. Il-Kumpanija sostniet wkoll li Cordina kellu ghadd ta' warnings mhux tlieta biss li l-Kumpanija setghet taghtih bil-miktub izda bil-fomm. Cordina kellu kull ghajnuna mill-kumpanija ghaliex kienet taf li kellu problemi privati izda dan baqa' ma jaghti ebda kaz. Cordina kien jaf li

Cassar and Cooper kellhom l-inkwiet mhabba diskrepanza fid-dokumenti, il-Kumpanija kienet tammonieh kemm-il darba bla ebda rizultat, Ma dawn l-affarijiet kien hemm l-incident tal-qalziet li kien inbieh minn hanut lokali meta dan il-qalziet ma setax jinbiegh inqas lill-haddiema tal-fabbrika, kien hemm l-incident tat-'tape recorder' li wara l-Kumpanija saret taf li kien fil-pussess ta' Cordina, kien hemm ukoll l-incident serju tal-pornografija li kellu riperkussjonijiet generali mat-tfajliet. Cordina ma ried jaf b'xejn anki mid-dokumenti (Dok. Nru.22F) jidher li Combinatie kienu ntrabtu li jittrenjaw lil Cordina biex jitghallem jghabbi, dan l-impjegat, sostniet il-Kumpanija kien abdiga d-doveri tieghu u ta' dan kien hemm xhieda serja. Kien ghal dawn il-hafna nuqqasijiet li Cordina gie mkecci.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal - It-Tribunal dejjem jiehu in konsiderazzjonijiet dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz. It-Tribunal wiezen bir-reqqa x-xhieda kollha li sema', id-dokumenti kollha esibiti u s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet. It-Tribunal ikollu ta' bilfors jghid li x-xhieda li tella' l-appellant ma ghinuhx xejn waqt li x-xhieda tieghu ma tantx kienet attendibbli; f'hafna mit-twegibiet ghal mistoqsijiet ta' min kien qed jassistih la kienu cari u inqas 'to the point'. It-Tribunal kellu ghalhekk jara jekk l-incident tal-pornografija jew xi incident iehor li hareg mix-xhieda kienx gravi bizzejjed biex jiggustifika tkeccija li ghat-Tribunal hija l-iktar piena estrema, u jekk le, in-nuqqasijiet li gew pruvati kollha f'daqqa jiggustifikawx it-tkeccija.

9. Il-Kumpanija sostniet li Arthur Cordina konsistentement ma kellux kontroll fuq in-numru ta' qliezet li kienu qeghdin jigu esportati.-It-Tribunal isib li kien hemm provi bizzejjed li dan kien hekk kemm mid-dokumenti esibiti kif ukoll mix-xhieda;

Sostniet ukoll li ghamel zball ikrah meta ghamel "underdeclaration" fil-kwantita' u valur tal-gliezet - dan ukoll gie ppruvat kemm mix-xhieda u d-dokumenti;

Li l-imgieba ta' Arthur Cordina mal-'Plant Manager' kienet skorretta hafna. Fuq dan il-punt ix-xhieda ma kienetx abbundanti ;

Li waqt il-hin tax-xoghol kellu l-ardir juri lil tfajla impjegata ktieb pornografiku. Fuq dan il-punt, ix-xhieda li sejjah l-appellant setss ma sostnietx it-tezi ta' l-appellant u t-Tribunal ma jistax jittraskura tlett xhieda biex jemmen lill-appellant, anki jekk kellu, biex wiehed jghid hekk, jinsa x-xhieda tat-tfajla li kienet irrapurtatu. Anki cirkostanzi li hargu minn xhieda ta' haddiehor fuq dan il-punt, izjed jimmilitaw kontra dak li qal Arthur Cordina fix-xhieda tieghu, u ghalhekk isib li anki din l-akkuza giet pruvata.

10. It-Tribunal kellu wkoll izomm f'mohhu mhux biss l-ghemil ta' l-appellant izda anki l-konsegwenzi li setghet sofriet id-ditta kawza ta' l-ghemil u l-izbalji ta' l-appellant.

11. Fuq il-punt li ghamel is-Sur Albert J. Tabone dwar il-'warnings', it-Tribunal ihoss li huwa minnu li ahjar li dawn il-'warnings' isiru bil-miktub izda mix-xhieda kemm tal-General Manager li anki ta ragunijiet validi l-ghala l-warnings f'dan il-kaz ma sarux bil-miktub, kemm tal-Production Manager irrizulta abbundantement li twissijiet bis-serjeta' kien hemm mhux tlieta biss izda ferm izjed u ghalhekk it-Tribunal ma jistax ma jiggustifikax tkeccija ghal ragunijiet gusti u sufficjenti mhabba li l-ghadd ta' twissijiet serji saru bil-fomm u mhux bil-miktub.

12. Award. In vista ta' dan kollu, it-Tribunal ma jsibx li t-tkeccija ta' Arthur Cordina minn Messrs Heidemann Sportswear Ltd. kienet ingusta, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.[illegible]. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

2 ta' Marzu 1981

em